**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 11/12(31_10_12).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar l-Erbgħa, 31 t' Ottubru 2012, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sur Saviour Spiteri - Kunsillier.
Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fl-24 t' Ottubru 2012.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Offerti MXR/005/2012 – Xogħol ta' Pavimentar fi Triq il-Kantra, Ix-Xlendi.
6. Offerta MXR/006/2012 – Xogħlijiet fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.
7. Offerti MXR/003/2011 – Xogħol ta' Tisbiħ fil-Pjazza tal-Knisja.
8. Il-Proġett ta' Pavimentar Tal-Ponta/Passaġġ tal-Kantra.
9. Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.
10. Memo 38/2012 – Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2012/2013.
11. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
12. Rapport tas-Sindku.
13. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
14. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
15. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 34/2012 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 36459 rigward l-*Accountants* kif ukoll l-Awdituri tal-Kunsill Lokali.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 35/2012 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Skema ta' Impjieg Inklussiv fil-Komunita'.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 36/2012 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Is-Sehem tal-Kunsilli Lokali fl-Istrateġija Ewropa 2020'.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 37/2012 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 36814 rigward il-Kunsilli Lokali li applikaw għall-programm Intact Summer School in Stasbourg li sar f' Lulju li għadda u Lulju 2011.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 38/2012 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2012/2013'.

2.06 Il-Kunsill irċieva Memo 39/2012 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Servizzi ta' *Contracts Manager* u ta' Perit'.

2.07 Il-Kunsill irċieva Memo 40/2012 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabbilta' ta' Librerija Lokali'.

2.08 Il-Kunsill irċieva *reminder* permezz ta' *e-mail* mingħand it-Tourism and Economic Development (Strategy and Support), Ministeru għal Għawdex rigward 'www.visitgozo.com'.

2.09 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Dipartiment tal-*Customer Services*, Sezzjoni għall-Anzjani u Bżonnijiet Speċjali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward 'Kors tal-Universita' tat-Tielet Eta' f' Għawdex 2012-2013'.

2.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal *e-mail* mingħand iċ-*Chairman* tal-Malta Libraries' Council rigward 'Libraries' Day – l-Erbgħa, 5 ta' Diċembru 2012'.

2.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward it-'Training Conference: Enabling Local Councils to support the Business Community' fl-4 u 5 t' Ottubru 2012.

2.12 Il-Kunsill irċieva kopja ta' *Press Release* maħruġa mid-Diviżjoni għall-Ippjanar u tal-Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet (PPCD) fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru rigward 'Sejħa għal Proposti ta' Proġetti taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR).

2.13 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand it-Transport Section, Education Office rigward il-ħinijiet tat-trasport organizzat mill-Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni għall-istudenti ta' l-iskejjel Sekondarji.

2.14 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Ċirk 61/2012 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn qed jitwassal invit mill-Fondazzjoni Temi Zammit għal Seminar dwar 'Sustainability in Industrial Areas' fis-26 ta' Settembru 2012.

2.15 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'DOI Press Release (PR 2001): Sejħa għal Proposti ta' Proġetti taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR).

2.16 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Malta Institute of Professional Photography (MIPP) rigward l-MIPP Initiative, fejn introduċew ruħhom u spjegaw dwar il-'*monthly photo walk*'.

2.17 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Alter Aqua rigward 'Alter Aqua Workshop on Water Management in the Island of Gozo' fid-19 ta' Settembru 2012 fil-Gozo College, Boys' Secondary, Victoria.

2.18 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assistent Segretarju Privat, Ministeru għal Għawdex rigward konsultazzjoni pubblika li ġiet imnedija f' dawn l-aħħar ġranet marbuta mat-tieni Pjan ta' Azzjoni Eko-Għawdex għas-snin 2013-2015. Il-Kunsill ġie mistieden għal-laqgħa bejnu u l-Ministru għal Għawdex fuq dan ir-rigward, fis-26 ta' Settembru 2012 fil-Ministeru għal Għawdex.

2.19 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Ko-ordinatur Kulturali, Uffiċċju tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward il-'Karnival ta' Għawdex 2013'.

2.20 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Ċirk 66/2012 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Laqgħa għall-Kunsillieri ta' Malta u Għawdex, is-Sibt 10 ta' Novembru 2012, fil-Lukanda Dolmen Resort, Il-Qawra'.

2.21 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Aġenzija Żgħażagħ rigward 'Invite for Youth Research Seminar' fit-28 ta' Settembru 2012 fil-Grand Hotel Excelsior, Floriana. Is-*Seminar* huwa bit-tema 'Mirrors and Windows: Maltese young people's perception of themselves, their families, communities and society'.

2.22 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex rigward it-23 laqgħa tal-Kumitat Reġjonali u l-Minuti tagħha. Il-Kunsill irċieva wkoll il-Minuti tal-Laqgħa Nru. RGĦ 22/12 li saret fl-4 ta' Lulju 2012 u l-Aġenda ta' l-24 laqgħa ta' dan ir-Reġjun.

2.23 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Ċirk 69/2012 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Konferenza Proġett TICTAC (Training, Information, Cooperation – Towards Active Citizenship'.

2.24 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Memo 35/2012 – Skema ta' Impjieg Inklussiv fil-Komunita'.

2.25 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Foundation for Social Welfare Services (FSWS) rigward il-'ME2 Project u l-Information Meeting on ETC/MJDF Scheme for Local Councils', fid-19 t' Ottubru 2012.

2.26 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward l-*Information Seminar* organizzat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali u l-Financial Policy and Management Division fi ħdan il-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, fl-24 t' Ottubru 2012.

2.27 Il-Kunsill irċieva mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali l-Minuti tal-laqgħa Plenarja għall-Kunsillieri tat-3 ta' Diċembru 2011 u l-Programm tal-Laqgħa Plenarja għall-Kunsillieri Kollha ta' l-10 ta' Novembru 2012.

2.28 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kumitat ta' Puttinu Cares f' Għawdex rigward 'Ngħinu lil Puttinu Cares'.

2.29 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex rigward il-Laqgħa Annwali Plenarja tal-Kumitat Reġjonali għal Għawdex, fis-27 t' Ottubru 2012 fil-Lukanda Calypso, Marsalforn.

2.30 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEPA rigward il-'UIF (Urban Improvement Fund) Statement of Funds' sa l-aħħar ta' Settembru 2012.

2.31 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Malta Football Association fejn qiegħda tavża li fiż-żmien li ġej ser tkun disponibbli għall-poplu Malti u Għawdxi billi tiftaħ il-bibien għal *tours* maċ-ċittadini fil-bini tagħha.

2.32 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Drug Squad, Malta Police dwar 'Sharing of Information Meeting – October 2012'.

2.33 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi (FES) rigward 'Klabb Kittieba Żgħar – Klabb fil-Kitba Kreattiva'.

2.34 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Ċirk 71/2012 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn qed titwassal *e-mail* mingħand l-Aġenzija Programmi tal-Unjoni Ewropea – EUPA rigward l-inizjattiva 'We Mean Business'.

2.35 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Gozo Greyhounds Youth Athletic Club rigward l-attivitajiet li huma jorganizzaw fosthom l-attivita' organizzata flimkien tal-Kunsill Lokali In-Nadur fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill u dwar ix-xewqa li tiġi organizzata xi attivita' mal-Kunsill u l-Knisja tal-Munxar.

2.36 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward Laqgħa għas-Sindki dwar 'Is-Sitwazzjoni tat-trasport Pubbliku fil-lokalitajiet ta' Malta', fit-23 ta' Novembru 2012 fil-Corinthia Palace Hotel, Attard.

2.37 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-CareMalta Group rigward 'Nazzareno Vassallo Award for initiatives in Elder Care'.

2.38 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti, Dipartiment għar-Regolazzjoni Veterinarja u Saħħa tal-Pjanti rigward 'Il-Kontroll tal-Bumunqar l-Aħmar – Dokumenti miżmuma għall-Bexx tas-Siġar tal-Palm 2012'.

2.39 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEUSAC (Malta-EU Steering and Action Committee) rigward is-*Seminar* 'Europe 2020: From EU Strategy to Local Actions. The Contribution of Local Councils' fit-23 ta' Novembru 2012 fil-Le Meridien St. Julians Hotel & Spa.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva Protest mingħand xi wħud mir-residenti ta' Triq ir-Rumani fix-Xlendi. Huma qed jilmentaw dwar żvilupp li ser isir fit-triq u dwar il-kundizzjoni perikoluża ta' l-istess triq. Is-Sur Ryan Debrincat irrakkomanda li qabel ma jinbeda l-iżvilupp, qed jitlob li terġa' tiġi ċertifikata l-kundizzjoni tat-triq bil-Perit.

3.02 Il-Kunsill irċieva Kontro-Protest mingħand is-Sid li ser jagħmel xogħol ta' żvilupp fil-proprjeta' tiegħu u qed tikkonferma li x-xogħlijiet li ser isiru huma koperti bil-permessi mingħand il-MEPA.

3.03 Il-Kunsill għamel Kontro-Protest Ġudizzjarju wara l-Protest Gudizzjarju ta' xi wħud mir-residenti ta' Triq ir-Rumani. Il-Kunsill qed jgħid li l-iżvilupp li ser isir minn residenti fi proprjeta' privata tagħhom huwa skond il-permessi. Għalkemm it-triq ma taqax taħt ir-responsabbilta' tal-Kunsill dejjem ġiet irranġata bit-torba għal benefiċċju tar-residenti. Wara li l-Kunsill kiseb fondi sabiex din it-triq tiġi asfaltata, ikun ferm għaqli li din it-triq tinkesa bit-tarmak wara li jsir l-iżvilupp privat.

3.04 Il-Kunsill irċieva dikjarazzjoni mingħand CS Design Periti li Triq ir-Rumani ser ikun hemm problema ta' aċċess wara li jsir l-iżvilupp propost minn sidien privati u li l-ħajt li qed jilqa' t-triq huwa perikoluż.

3.05 Il-Kunsill irċieva talba mingħand Sid ta' proprjeta' fi Triq it-Torri sabiex ħsara li saret mal-faċċata tiegħu minħabba lampa tad-dawl titranġa. Il-Kunsill qabel li jirranġa l-ħsara.

3.06 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Green MT dwar il-Ftehim ġdid għall-Ġbir ta' Skart tal-Ippakkeġġjar. Huma qed jitolbu laqgħa mal-Kunsill sabiex jiġi diskuss dwar il-ftehim li ser ikun jorbot għas-snin 2013 u 2014 peress li fl-iskema hemm ippreparati diversi inizjattivi li taħseb li ser jgħinu biex fi żmien imsemmi l-ġbir jerġa' jkompli jiżdied u l-komunita' tgawdi aktar finanzjarjament.

3.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand it-*team* ta' Xarabank fejn ser joffru spazju lill-Kunsill sabiex issir promozzjoni lil-lokalita' u l-attivitajiet li jsiru.

3.08 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand sid ta' proprjeta' f' Andar Court, Triq il-Munxar. Qed tilmenta li d-dawl ta' bozza li hemm ma' arblu fit-triq qed jidħol għall-kamra tas-sodda u huwa ta' inkonvenjent. Qed titlob li ssir *cover* għall-bozza.

3.09 Il-Kunsill irċieva invit mingħand il-Lukanda Calypso sabiex issir laqgħa dwar kif jista' jiżdied it-turiżmu f' Għawdex speċjalment fix-xhur tax-Xitwa.

3.10 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand ir-Rappreżentant tal-Gozo Grey Hounds Youth Athletic Club dwar proposta sabiex issir attivita' għat-tfal ta' bejn il-5 u 16-il sena.

3.11 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Gozo Horse Racing Association. Huma qed jipproponu li tiġi organizzata l-Gozo Local Council Heats fejn l-ideja hija li kull Sindku jew Rappreżentant jirkeb ma' ġerrej preferabbilment mil-lokalita' u ssir sfilata fil-bidu u wara jitqassmu xi tifkiriet lil kull parteċipant u l-premijiet lir-rebbieħa bis-sehem tal-Kunsill. Qed jipproponu wkoll li jitwaħħlu arbli għal kull Kunsill u jittellgħu l-bnadar tal-Kunsilli li jipparteċipaw magħhom. It-talba hija ta' €200 mingħand kull Kunsill.

3.12 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Avukat Simone Grech fuq inkarigu ta' Carmelo Curmi bi tweġiba għall-ittra mibgħuta għan-nom tal-Kunsill mill-Avukat Scerri fid-29 t' Awwissu 2012. Fir-rigward taż-żmien li ser isiru x-xogħlijiet, ma hijiex ser tinħoloq oġġezzjoni jekk ix-xogħol idum għaddej xahrejn skond kif imwiegħed fl-ittra tagħna, madanakollu jekk ix-xogħol jieħu iżjed minn hekk, huwa ser jirriserva kwalunkwe drittijiet ta' danni li jispettaw lilu skond il-liġi. Dwar il-kanċell li ser isir fil-bidu tat-triq, huwa ma jsibx oġġezzjoni dment li jibqalu dejjem aċċess liberu għar-raba' tiegħu bħal ma għandu llum, mhux biss b' inġenji agrikoli iżda bi kwalunkwe tip ta' vettura. Huwa qed jitlob konferma bil-miktub li wara li jitlesta x-xogħol jitħalla aċċess liberu għar-raba' tiegħu anke' b' vettura wisa' ta' madwar 8 piedi.

3.13 Il-Kunsill irċieva *site plan* mingħand is-CMU fejn qed jiġi spjegat kif ser isiru l-bankini fi Pjazza Anfori, Ix-Xlendi.

3.14 Is-Sinjura Carmen Said ilmentat dwar ħajt tas-sejjieħ imwaqqa' fi Triq il-Munxar, ħdejn l-Arkata tal-Wied tax-Xlendi. Talbet sabiex jinqata' aktar qasab li hemm fil-kantuniera tal-Wied kif ukoll pjanti li ħerġin minn ġo *Farmhouse* fi Triq il-Munxar.

3.15 Is-Sinjura Carmen Said talbet sabiex mat-tabella ta' *Diversion* li twaħħlet quddiem il-Kunsill issir vleġġa li turi li għax-Xlendi tista' tmur kemm fuq il-lemin kif ukoll fuq in-naħa tax-xellug.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 11/12(31_10_12).

Il-ħin kien it-8.10 ta' filgħaxija u ġie deċiż li l-laqgħa tiġi aġġornata għas-6 ta' Novembru 2012, fil-5.30 ta' filgħaxija sabiex titkompla l-istess Aġenda.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***